Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1338 16.6.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1338

## tal-15 ta' Ġunju 2026

## b'appoġġ għal proġett dwar soluzzjonijiet diġitali għal ħażniet siguri ta' munizzjon konvenzjonali fil-Viċinat tal-UE (AIMS/SIMS)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-2001, l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) adottaw il-Programm ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu (il-"PtA tan-NU"). Fil-PtA tan-NU, l-Istati Membri tan-NU qablu li jtejbu r-regolamenti nazzjonali dwar l-armi ta' kalibru żgħir, isaħħu l-ġestjoni tal-ħażniet, jiżguraw li l-armi jkunu mmarkati b'mod xieraq u affidabbli, itejbu l-kooperazzjoni fit-traċċar tal-armi u jidħlu f'kooperazzjoni u assistenza reġjonali u internazzjonali.

(2) Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta strateġija tal-UE kontra armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u l-munizzjon tagħhom bit-titolu "Aktar sigurtà fuq l-armi biex nipproteġu liċ-ċittadini", li rrikonoxxiet li sigurtà fqira tal-ħażniet hija fattur ewlieni li jippermetti d-devjazzjoni tal-armi u l-munizzjon mis-swieq leċiti għal dawk illeċiti. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ntrabtu li jkomplu jgħinu lil pajjiżi oħra jtejbu l-ġestjoni u s-sigurtà tal-ħażniet tal-Istati billi jsaħħu l-oqfsa leġiżlattivi u amministrattivi nazzjonali u l-istituzzjonijiet li jirregolaw il-provvista leġittima u l-ġestjoni tal-ħażna ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir ("SALW") u munizzjon għall-forzi tad-difiża u tas-sigurtà, b'attenzjoni partikolari għall-immarkar u ż-żamma ta' rekords, u li jippromwovu u jimplimentaw standards u prattiki tajbin għall-immaniġġar ta' armi żgħar u munizzjon. L-Unjoni ntrabtet ukoll li tippromwovi l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda għal ġestjoni aktar effettiva tal-ħażniet tas-SALW u li tkompli tappoġġa l-kooperazzjoni u l-assistenza għall-implimentazzjoni tal-PtA tan-NU, inkluż is-sigurtà fiżika u l-ġestjoni tal-ħażniet għas-SALW u l-munizzjon.

(3) Fl-4 ta' Diċembru 2023, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat il-Qafas Globali għall-Ġestjoni tal-Munizzjon Konvenzjonali Tul il-Ħajja (il-"Qafas Globali"), li huwa qafas kooperattiv volontarju b'sett ta' impenji politiċi biex isaħħaħ u jippromwovi inizjattivi eżistenti dwar il-ġestjoni tal-munizzjon konvenzjonali tul il-ħajja, u jindirizza l-lakuni eżistenti fiha. Fl-Objettiv 5 tiegħu, il-Qafas Globali jinkoraġġixxi lill-Istati jistabbilixxu l-kapaċitajiet tekniċi biex titwettaq sorveljanza adegwata, sistematika u sostenibbli tal-munizzjon konvenzjonali fil-ħażniet nazzjonali, kif adatt u konsistenti mal-liġi nazzjonali, inkluż permezz tal-għoti u r-riċeviment ta' kooperazzjoni u assistenza internazzjonali.

(4) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK ([1]) jipprevedi li liċenzja ta' esportazzjoni għandha tiġi miċħuda jekk l-approvazzjoni tkun inkonsistenti mal-obbligi u mal-impenji internazzjonali tal-Istati Membri, inkluż l-impenji tagħhom skont il-Qafas Globali.

([1]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99, ELI: http://data.europa.eu/eli/compos/2008/944/oj).

(5) Fl-14 ta' April 2025, il-Kunsill approvat Konklużjonijiet dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni tal-Armi, li fihom impenja ruħu li jmexxi 'l quddiem il-ħidma fuq elementi li jappoġġaw il-kummerċ responsabbli fit-teknoloġija u t-tagħmir militari, u inkariga lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali (COARM) fejn rilevanti biex jappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi fir-rigward tal-ġestjoni tal-ħażniet ta' armi u munizzjon.

(6) Iċ-Ċentru Internazzjonali ta' Ġinevra għat-Tneħħija ta' Mini għal skopijiet umanitarji (GICHD) qed jiżviluppa s-sistema ta' ġestjoni tal-inventarju tal-munizzjon ("AIMS"), għodda diġitali mfassla biex tappoġġa l-ġestjoni sikura, sigura u sostenibbli tal-ħażniet tal-munizzjon. L-AIMS hija mfassla biex taħdem f'sinerġija mas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni dwar is-sorveljanza ("SIMS"). L-AIMS u s-SIMS ser jiġu ppilotati fil-Bożnija-Ħerzegovina, u r-Repubblika tal-Moldova esprimiet interess qawwi fiż-żewġ għodod.

(7) Huwa fl-interess tas-sigurtà tal-Unjoni li tappoġġa lill-Bożnija-Ħerzegovina u lir-Repubblika tal-Moldova fl-allinjament tagħhom mal-istandards moderni ta' nonproliferazzjoni u sikurezza. F'dak il-kuntest, huwa xieraq li l-Unjoni tappoġġa, permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja, il-proġett bit-tiolu "Soluzzjonijiet Diġitali għal Ħażniet Siguri ta' Munizzjon Konvenzjonali fil-Viċinat tal-UE", li jikkonsisti fl-iżvilupp, l-adozzjoni, l-integrazzjoni u l-użu sostnut tal-AIMS u s-SIMS f'dawk il-pajjiżi. L-Iżvizzera ntrabtet li tikkofinanzja dak il-proġett billi tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja li se tkun addizzjonali għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni, bl-għan li jintlaħaq l-il-baġit stmat totali tal-proġett,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u l-munizzjon tagħhom bit-titolu "Aktar sigurtà fuq l-armi biex nipproteġu liċ-ċittadini" u l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK, l-Unjoni għandha tappoġġa proġett bit-titolu "Soluzzjonijiet Diġitali għal Ħażniet Siguri ta' Munizzjon Konvenzjonali fil-Viċinat tal-UE", li jikkonsisti fl-iżvilupp, l-adozzjoni, l-integrazzjoni u l-użu sostnut tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Inventarju tal-Munizzjon (AIMS) u s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar is-Sorveljanza (SIMS) fil-Bożnija-Ħerzegovina u r-Repubblika tal-Moldova (il-"Proġett").

2. L-objettiv tal-Proġett għandu jkun li jsaħħaħ il-kapaċitajiet organizzazzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Bożnija-Ħerzegovina u r-Repubblika tal-Moldova għall-ġestjoni tul il-ħajja ta' munizzjon konvenzjonali, sabiex jittaffa r-riskju ta' devjazzjoni u splużjonijiet aċċidentali.

3. Deskrizzjoni dettaljata tal-Proġett tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentat Għoli") għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-Proġett għandha titwettaq miċ-Ċentru Internazzjonali ta' Ġinevra għat-Tneħħija ta' Mini għal skopijiet umanitarji (GICHD).

3. Il-GICHD għandu jwettaq il-kompiti tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak l-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jikkonkludi l-arranġamenti meħtieġa mal-GICHD.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-Proġett iffinanzjat mill-Unjoni għandu jkun ta' EUR 1 000 000. Il-baġit stmat totali tal-Proġett għandu jkun ta' EUR 1 389 145.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza finanzjarja msemmi fil-paragrafu 1 għandha tiġi ġestita f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tan-nefqa imsemmija fil-paragrafu 2. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi ftehim mal-GICHD. Dak il-ftehim għandu jistipula li l-GICHD għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni b'mod adatt għad-daqs ta' dik il-kontribuzzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà assoċjata mal-konklużjoni ta' dak il-ftehim u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

*Artikolu 4*

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti kull sitt xhur imħejjija mill-GICHD.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-aspetti finanzjarji tal-Proġett.

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3) jew, jekk ma jiġi konkluż l-ebda tali ftehim fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-15 ta' Ġunju 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS

*ANNESS*

**DOKUMENT TA' PROĠETT**

**Soluzzjonijiet Diġitali għal Ħażniet Siguri ta' Munizzjon Konvenzjonali fil-Viċinat tal-UE: il-Proġett AIMS/SIMS**

## 1. SFOND U RAĠUNAMENT GĦALL-APPOĠĠ TAL-PESK

### 1.0 **L-isfida**

Il-kapaċità ta' Stat li jikklassifika, jikkwantifika u jżomm rendikont tal-munizzjon konvenzjonali taħt sjieda u kontroll nazzjonali hija rekwiżit fundamentali għall-ġestjoni sikura, sigura u sostenibbli tal-munizzjon konvenzjonali tul il-ħajja, kif ukoll għat-tisħiħ tal-kontroll tal-armi u l-prevenzjoni tad-devjazzjoni u l-proliferazzjoni. Mingħajr din il-kapaċità, l-Istati jiffaċċaw riskji akbar ta' splużjonijiet aċċidentali, devjazzjoni u proliferazzjoni mhux ikkontrollata ta' munizzjon. Dawn ir-riskji huma partikolarment akuti f'ambjenti milquta minn kunflitti u b'kapaċità baxxa fejn l-awtoritajiet nazzjonali spiss ma jkollhomx il-kapaċitajiet tekniċi, finanzjarji, operazzjonali u organizzazzjonali biex jimmaniġġaw il-munizzjon konvenzjonali tagħhom. F'kuntesti bħal dawn, jista' jkun il-każ li l-Istati:

— Ma jkunux jistgħu jipprevedu b'mod preċiż ir-rekwiżiti tal-munizzjon jew jippjanaw għal akkwist f'waqtu u kosteffettiv.

— Ma jidentifikawx munizzjon li jkun qed jiddeterjora jew li ma jkunx sikur, u b'hekk jiżdied ir-riskju ta' splużjonijiet aċċidentali.

— Jitilfu opportunitajiet biex jidentifikaw munizzjon skadut u jarmuh b'mod sikur, u b'hekk jaggravaw ir-riskji għas-sikurezza u s-sigurtà.

— Ma jkollhomx rekords komprensivi, inkluż traċċar bin-numri tal-lottijiet, li jdgħajjef il-kapaċità tagħhom li jittraċċaw il-munizzjon, jidentifikaw punti ta' devjazzjoni, u jappoġġaw investigazzjonijiet ta' wara d-devjazzjoni.

— Jitilfu l-viżibbiltà fuq il-post fiżiku u l-istatus legali tal-ħażniet ta' munizzjon, u b'hekk jiżdied ir-riskju ta' devjazzjoni u tiġi ostakolata t-traċċabbiltà.

— Ma jkollhomx biżżejjed kapaċità biex joħorġu u jivverifikaw ċertifikati tal-utent aħħari u biex iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju robusti qabel u wara t-trasferiment, kif meħtieġ skont ftehimiet bilaterali u multilaterali dwar il-kontroll tal-esportazzjoni.

— Ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-impenji internazzjonali bħala stati esportaturi u li jaħżnu skont strumenti bħat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA), il-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu (PtA tan-NU) u l-Qafas Globali għall-Ġestjoni tal-Munizzjon Konvenzjonali Tul il-Ħajja (Qafas Globali).

B'rispons għal dawn in-nuqqasijiet operazzjonali u istituzzjonali, hemm ħtieġa urġenti ta' sistemi adattati għall-kuntest u bbażati fuq l-istandards li jippermettu lill-Istati jistabbilixxu oqfsa robusti u sostenibbli għall-ġestjoni tal-inventarji. Biex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-riskji għas-sikurezza u għas-sigurtà, dawn is-sistemi jridu jkunu aktar minn żamma bażika tar-rekords. Iridu jappoġġaw il-ġbir, l-integrazzjoni u l-analiżi sistematiċi ta' sett komprensiv ta' data — mhux biss dwar it-tip, il-post, u l-kwantità tal-munizzjon, iżda wkoll dwar il-kundizzjoni, il-kapaċità għas-servizz, u l-istatus ta' sorveljanza tiegħu matul iċ-ċiklu tal-ħajja. Dan jirrikjedi infrastruttura diġitali ddedikata li tista' tiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati, il-prijoritizzazzjoni tar-riskju u l-ippjanar fit-tul, filwaqt li ssaħħaħ ukoll l-objettivi tal-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni, f'konformità mal-istandards, il-linji gwida u l-prassi tajba internazzjonali, bħal dawk li jinsabu fil-Linji Gwida Tekniċi Internazzjonali dwar il-Munizzjon (IATG) u dawk mitluba fl-Objettiv 5 u l-Objettiv 7 tal-Qafas Globali.

1.1 **AIMS/SIMS: Soluzzjoni diġitali għal ġestjoni komprensiva tal-inventarji**

Wara diversi talbiet mill-awtoritajiet nazzjonali għal appoġġ fit-tisħiħ tal-isforzi għall-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni permezz ta' inventarju u sorveljanza aħjar tal-ħażniet ta' munizzjon konvenzjonali, iċ-Ċentru Internazzjonali ta' Ġinevra għat-Tneħħija ta' Mini għal Skopijiet Umanitarji (GICHD) qed jiżviluppa l-pakkett ta' software AIMS/SIMS permezz tat-Tim Konsultattiv tiegħu għall-Ġestjoni tal-Munizzjon (AMAT).

**L-AIMS (Sistema ta' Ġestjoni tal-Inventarji tal-Munizzjon)** huwa għodda ta' software diġitali, skalabbli u allinjata mal-IATG imfassla biex tappoġġa l-ġestjoni sikura, sigura u sostenibbli tal-ħażniet ta' munizzjon. Abbażi ta' sistema ta' ġestjoni tal-inventarji li tintuża mill-Ministeru għad-Difiża tar-Renju Unit, l-AIMS bħalissa jinsab fil-fażi ta' żvilupp u ser jiġi ppilotat fil-Bożnija-Ħerzegovina (BiH), b'interess qawwi minn pajjiżi oħra, inkluż il-Każakistan, il-Moldova u l-Perù.

L-AIMS jappoġġa kemm l-isforzi nazzjonali biex jitnaqqsu r-riskji maħluqa minn ħażniet ta' munizzjon ġestiti b'mod mhux sikur u mhux sigur, kif ukoll jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità organizzazzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali għall-ġestjoni tal-munizzjon konvenzjonali tul il-ħajja. Speċifikament, l-AIMS joffri l-benefiċċji ewlenin li ġejjin:

— Ittejjeb is-sikurezza għall-persunal u l-popolazzjoni ċivili billi tappoġġa l-ħżin, il-maniġġ, it-trasport u r-rimi sikuri tal-munizzjon.

— Tippermetti d-detezzjoni f'waqtha tat-telf u d-devjazzjoni permezz ta' traċċar tal-istokks f'ħin reali u kontrolli fiżiċi ta' rutina tal-istokks.

— Ittejjeb l-effiċjenza tal-ħażniet u t-tnaqqis tar-riskju billi torbot il-ġestjoni tal-inventarji mad-data ta' sorveljanza biex jiġu infurmati d-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar, l-akkwist u r-rimi.

— Timmotiva t-tisħiħ istituzzjonali billi tippromwovi rieżamijiet tal-proċessi, proċeduri standardizzati, u żvilupp tal-kapaċità fit-tul taħt oqfsa mmexxija fil-livell nazzjonali.

Filwaqt li l-AIMS jopera b'mod indipendenti, huwa mfassal biex jaħdem f'sinerġija mas-**Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar is-Sorveljanza (SIMS)**. Is-SIMS isegwi l-kundizzjoni u l-istabbiltà tal-munizzjon maż-żmien u huwa integrat mal-AIMS, filwaqt li jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet, l-ippjanar u l-ġestjoni abbażi tar-riskju. Żviluppata f'konformità mal-IATG, is-SIMS tiffaċilita l-ġbir, il-ħżin u l-analiżi sistematiċi tad-data relatata mal-ispezzjonijiet fiżiċi, it-testijiet kimiċi, l-esponiment ambjentali, u l-kodifikazzjoni tal-kundizzjoni. Din tiġbor informazzjoni kritika dwar it-tiqdim, id-degradazzjoni u l-instabbiltà (anke għal oġġetti b'riskju għoli bħal munizzjon ibbażat fuq propellant), li jippermetti l-identifikazzjoni bikrija ta' munizzjon mhux sikur. Dan jappoġġa l-prijoritizzazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, bħal rimi mmirat, projbizzjonijiet, jew restrizzjonijiet fuq il-moviment, u jiżgura li fil-ħażna nazzjonali jinżamm biss munizzjon li jkun sikur għall-ħżin, it-trasport u l-użu.

Meta jkun konness mal-AIMS, is-SIMS jippermetti li jsiru kontroreferenzi f'ħin reali tad-data dwar l-inventarji u l-kundizzjoni, li jippermetti lill-awtoritajiet tekniċi nazzjonali jieħdu deċiżjonijiet abbażi tal-evidenza dwar l-ippjanar tas-sorveljanza, l-allokazzjoni tar-riżorsi, u l-ġestjoni tal-ħażniet fit-tul. Bl-inkorporazzjoni tad-data ta' sorveljanza f'ġestjoni aktar estiża tal-inventarju, is-sistema kkombinata ssaħħaħ il-kapaċitajiet nazzjonali biex jitnaqqas ir-riskju ta' splużjonijiet aċċidentali u tappoġġa l-konformità man-normi internazzjonali tas-sikurezza u s-sigurtà.

Il-pakkett ta’ software AIMS/SIMS jelimina nuqqas kritiku fil-kapaċità li ma huwa indirizzat minn l-ebda sistema eżistenti oħra, billi joffri pjattaforma ta’ infrastruttura diġitali bi sjieda nazzjonali, ibbażata fuq l-istandards u skalabbli għall-ġestjoni sikura, sigura u sostenibbli tal-munizzjon konvenzjonali. Barra minn hekk, l-AIMS/SIMS joffri lill-Istati l-kapaċità li jimplimentaw direttament l-Objettivi 5 u 7 tal-Qafas Globali, filwaqt li jiffaċilita wkoll il-progress fl-Objettiv 6 (tnaqqis tar-riskju), l-Objettiv 10 (prevenzjoni tad-devjazzjoni), l-Objettiv 11 (immarkar u traċċar), l-Objettiv 12 (qsim ta’ informazzjoni dwar id-devjazzjoni), u l-Objettiv 13 (ġbir ta’ data u analiżi dwar id-devjazzjoni). Lil hinn mill-allinjament tagħhom mal-Qafas Globali, l-AIMS/SIMS jappoġġa l-implimentazzjoni ta’ strumenti ewlenin tal-UE għall-kontroll tal-armi u s-sigurtà, inkluż l-Istrateġija tal-UE kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta’ Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjon Tagħhom, il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi (2008/944/PESK u r-reviżjoni tagħha tal-2019), u l-Pjanijiet Direzzjonali Reġjonali għall-Armi Ħfief u ta’ Kalibru Żgħir (SALW) (eż. il-Pjan Direzzjonali tal-2024 għall-Balkani tal-Punent).

Billi jippermettu data preċiża u f’ħin reali dwar l-inventarji, it-traċċar tal-kundizzjoni, u t-traċċabbiltà tal-munizzjon, dawn is-sistemi jsaħħu l-kapaċità ta’ stat li jwettaq valutazzjonijiet tar-riskju qabel u wara t-trasferiment, jivverifika l-użu aħħari u l-konformità tal-utent aħħari, u jikkontribwixxi għal sistemi ta’ kontroll nazzjonali aktar robusti — f’konformità mal-kriterji tal-Artikolu 5 tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE. Jappoġġaw ukoll direttament il-prijoritajiet aktar ġenerali tal-UE għas-sigurtà u l-iżvilupp billi jnaqqsu r-riskju ta’ devjazzjoni, itejbu t-trasparenza, u jsaħħu l-kapaċità ta’ rappurtar skont it-TKA, il-PtA tan-NU, u r-reġimi ta’ embargo fuq l-armi tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

1.1.1 *Analiżi tas-suq*

Il-maġġoranza tal-Istati ma għandhomx sistemi ddedikati ta’ ġestjoni tal-inventarji mfassla speċifikament għall-ġestjoni tal-munizzjon konvenzjonali. F’ħafna kuntesti, l-awtoritajiet nazzjonali jiddependu minn sistemi improvviżati jew inadegwati — bħal reġistri tal-karti, spreadsheets tal-Excel, software tal-loġistika ġenerali, pjattaformi ta’ reġistrazzjoni tal-armi tan-nar, jew soluzzjonijiet fornuti mid-donaturi — li mhumiex adattati għall-iskop tagħhom fir-rigward tad-domandi kumplessi tal-ġestjoni tal-munizzjon konvenzjonali tul il-ħajja. Dawn l-alternattivi spiss ma jkollhomx karatteristiċi tekniċi ewlenin, bħal traċċar tal-użu fil-livell tal-lottijiet, ġestjoni tal-grupp ta’ kompatibbiltà, klassifikazzjoni tal-periklu ta’ splużjoni, liċenzji tal-limitu tal-isplussività, u monitoraġġ tal-kundizzjoni. B’hekk ma jirnexxilhomx jappoġġaw l-isforzi għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta’ splużjonijiet aċċidentali, devjazzjonijiet u akkumulazzjoni ta’ eċċessi, u lanqas l-isforzi favur il-qsim ta’ informazzjoni, anke għall-finijiet ta’ traċċar u rappurtar internazzjonali.

Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn ir-reġistri tal-armi u s-sistemi ta’ ġestjoni tal-inventarji tal-munizzjon. Ir-reġistri tal-armi ġeneralment jiffukaw fuq is-sjieda, l-identifikazzjoni u l-kontroll tat-trasferimenti — filwaqt li l-munizzjon, li huwa konsumabbli, jitħassar, u spiss jinħażen bl-ingrossa, jeħtieġ sistema ħafna aktar dettaljata u dinamika. Sistemi effettivi ta’ ġestjoni tal-munizzjon iridu jittraċċaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi (il-kalibru, it-tip, in-numru tal-lott, il-kwantità splussiva netta), id-data dwar il-ħżin (il-post, il-grupp ta’ kompatibbiltà, il-klassifikazzjoni tal-periklu), ir-riżultati tas-sorveljanza, l-istatus tal-kapaċità għas-servizz, l-istorja tal-moviment, u l-azzjonijiet ta’ rimi. Dan is-sett ta’ data aktar estiż huwa essenzjali mhux biss għall-maniġġ sikur u l-ippjanar operazzjonali iżda wkoll għas-sorveljanza, id-detezzjoni tat-telf, it-tbassir taċ-ċiklu tal-ħajja, u l-ippjanar finanzjarju.

Għadd ta’ għodod diġitali eżistenti [1] joffru soluzzjonijiet parzjali għall-ġestjoni u ż-żamma ta’ rekords ta’ inventarji tal-munizzjon. Filwaqt li huma utli, dawn is-sistemi huma primarjament imfassla għas-SALW u l-munizzjon relatat. B’hekk għandhom it-tendenza li jeskludu kategoriji usa’ ta’ munizzjon konvenzjonali u ma għandhomx funzjonalitajiet ewlenin, bħal integrazzjoni mad-data ta’ sorveljanza, klassifikazzjoni tal-grupp ta’ kompatibbiltà, tikkettar tal-perikli, jew traċċar tul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ. Dawn il-limitazzjonijiet inaqqsu b’mod sinifikanti l-utilità tagħhom għal ġestjoni komprensiva tal-munizzjon konvenzjonali tul il-ħajja u jfixklu l-kapaċità tagħhom li jappoġġaw teħid ta’ deċiżjonijiet jew proċessi ta’ ppjanar ibbażati fuq ir-riskju.

(1) Pereżempju, ArmsTracker, is-Software għall-Kontroll tal-Inventarji tal-Armi tan-Nar u l-Munizzjon (SAM), u s-Sistema ta’ Reġistrazzjoni u Ġestjoni tal-Armi (ARMaS).

B'kuntrast ma' dan, il-pakkett ta' software AIMS/SIMS huwa mfassal apposta biex jissodisfa l-ispettru sħiħ ta' rekwiżiti għal ġestjoni sikura, sigura u sostenibbli tal-munizzjon konvenzjonali tul il-ħajja. L-AIMS/SIMS jiffaċilita t-traċċar f'waqtu u fil-livell tal-lottijiet tat-tipi kollha ta' munizzjon; jintegra d-data ta' sorveljanza; jappoġġa l-klassifikazzjoni tal-grupp ta' kompatibbiltà, il-kategorizzazzjoni tal-periklu, u l-allinjament mal-istandards internazzjonali. Is-sistema hija skalabbli, tista' tiġi adattata għall-flussi tax-xogħol nazzjonali, u hija mfassla biex taħdem f'diversi postijiet taħt kontroll nazzjonali. B'mod kruċjali, l-AIMS jittrasforma t-traċċar bażiku tal-inventarju f'għodda strateġika li ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali biex jippjanaw, itejbu s-sikurezza u s-sigurtà tal-ħażna nazzjonali, itejbu l-kapaċità li tingabar u tiġi analizzata data dwar il-munizzjon iddevjat, jaqsmu informazzjoni (inkluż dwar id-devjazzjoni u t-traffikar illeċitu) u jissodisfaw l-impenji internazzjonali dwar in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi permezz tal-użu integrat ta' data f'ħin reali u bi skopijiet multipli dwar il-munizzjon.

1.1.2 *Soluzzjonijiet alternattivi:*

Il-pjattaformi tal-loġistika ġenerali li jintużaw minn Stati individwali jiffukaw ukoll fuq il-ġestjoni ġenerali tal-assi, iżda mhumiex imfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' sikurezza, sigurtà u trasparenza tal-munizzjon konvenzjonali, u mhumiex maħsuba biex jappoġġaw l-għanijiet internazzjonali tal-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni.

B'kuntrast ma' dan, l-AIMS/SIMS huwa mfassal apposta, allinjat mal-IATG, u jista' jintuża fid-dinja kollha — filwaqt li joffri soluzzjoni diġitali dedikata biex jitnaqqsu r-riskji ta' devjazzjoni, jiġu evitati splużjonijiet aċċidentali, u jissaħħu l-isforzi favur il-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni.

1.2. **Żvilupp tas-software AIMS/SIMS**

1.2.1 *Sjieda*

Biex jiġu żgurati interoperabbiltà sħiħa u kosteffettività, l-AIMS u s-SIMS qed jiġu żviluppati b'mod parallel bl-użu ta' arkitettura tas-software komuni, filwaqt li joffru soluzzjoni doppja u integrata għal tnejn mill-isfidi l-aktar kumplessi fil-ġestjoni tal-munizzjon konvenzjonali tul il-ħajja: il-kontroll tal-inventarju u s-sorveljanza. Is-software bażi AIMS/SIMS, inkluż il-kodiċi tas-sors, ser jibqa' l-proprjetà tal-GICHD u tas-sieħeb tiegħu fl-iżvilupp tas-software. Is-software ser jiġi pprovdut lill-Istati mingħajr ħlas.

Madankollu, minħabba l-kumplessità tal-installazzjoni — b'mod partikolari d-dħul inizjali tad-data u l-adattament għall-proċeduri u l-flussi tax-xogħol nazzjonali — il-GICHD ser jappoġġa lil kull pajjiż fl-installazzjoni u l-adattament tas-software biex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa u effettiva. Ladarba jiġi installat, l-istanza nazzjonali tas-software AIMS/SIMS issir il-proprjetà tal-pajjiż sieħeb. La l-GICHD u lanqas partijiet terzi mhu ser ikollhom aċċess għas-sistema nazzjonali, dment li dan ma jkunx meħtieġ u l-aċċess ikun ingħata mill-pajjiż innifsu permezz tal-Gateway PC biex jissewwew bugs jew biex jiġu installati xi aġġornamenti. Dan l-approċċ jirrifletti l-mudell ta' sjieda tas-software adottat għas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni għall-Azzjoni kontra l-Mini tal-GICHD.

1.2.2 *Skeda ta' żmien għall-iżvilupp, stadji importanti u finanzjament*

L-inizjattiva AIMS/SIMS ilha tiġi żviluppata mill-2022. Il-prova inizjali tal-kunċett saret bejn l-2022 u l-2023 b'finanzjament mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, il-Commonwealth u l-Iżvilupp (FCDO) tar-Renju Unit. Matul din il-fażi, il-qafas kunċettwali għas-sistema ta' ġestjoni tal-inventarji ġie żviluppat b'kontributi mill-Bord ta' Rieżami Tekniku tal-IATG, u kumpanija esperjenzata fl-iżvilupp ta' software għal-loġistika ntgħażlet biex tipproduċi s-software prototip permezz ta' sejħa miftuħa għall-offerti.

Fl-2023, il-Bożnija-Ħerzegovina talbet appoġġ internazzjonali biex issaħħaħ is-sikurezza, is-sigurtà u l-akkontabbiltà tal-ħażniet nazzjonali tagħha ta' munizzjon. B'rispons għal dan, il-GICHD nieda proġett biex ifassal u jiżviluppa l-arkitettura ewlenija tas-software AIMS, bil-Bożnija-Ħerzegovina tkun il-pajjiż pilota għall-ittestjar u l-validazzjoni. Din il-fażi saret possibbli permezz ta' appoġġ finanzjarju u tekniku mid-Dipartiment Federali tal-Iżvizzera għad-Difiża, il-Protezzjoni Ċivili u l-Isport (DDPS).

Matul l-2024, il-GICHD wettaq eżerċizzju estensiv ta' rekwiżiti tal-utent f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' Grupp ta' Ħidma Tekniku ddedikat magħmul minn rappreżentanti minn ministeri u aġenziji b'mandat. Matul il-proċess ta' rekwiżiti tal-utent, deher ċar il-ħtieġa ta' għodda tas-software addizzjonali biex l-informazzjoni relatata mas-sorveljanza tiġi mmaniġġata flimkien mal-ġestjoni tal-inventarji. B'riżultat ta' dan, l-arkitettura finali tas-software tfasslet mill-ġdid biex tinkludi kemm l-AIMS kif ukoll is-SIMS, żviluppati f'konformità mal-IATG bl-għan li jsaħħu l-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali fil-Bożnija-Ħerzegovina biex jipprevjenu d-devjazzjoni, itejbu l-akkontabbiltà, u javvanzaw l-objettivi aktar ġenerali tal-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni.

Fl-2025 sar ġbir ta' fondi biex tiġi appoġġata l-finalizzazzjoni tal-pakketti ta' software AIMS/SIMS, inkluż il-validazzjoni tagħhom, l-iżvilupp ta' materjali u riżorsi ta' taħriġ għall-implimentazzjoni, u t-tħejjija għall-introduzzjoni fil-Moldova. Sadanittant, il-GICHD appoġġa l-ħidma preparatorja biex jiġi żgurat li l-informazzjoni teknika u d-data meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tal-AIMS u s-SIMS tkun disponibbli, b'enfasi fuq il-faċilitazzjoni ta' identifikazzjoni preċiża tal-munizzjon għall-prevenzjoni tad-devjazzjoni, il-verifika tal-utent aħħari, u r-rappurtar internazzjonali. Il-Bożnija-Ħerzegovina mistennija tagħmel rendikont komprensiv tal-ħażna nazzjonali tagħha ta' munizzjon biex tiżgura li d-data mdaħħla fl-AIMS tkun preċiża u kompluta. Ladarba jiġi ffinalizzat l-iżvilupp tas-software (stmat għal 18-il xahar wara l-konferma tal-finanzjament), l-AIMS/SIMS ser jiġi implimentati bis-sħiħ fil-Bożnija-Ħerzegovina. Din l-implimentazzjoni pilota ser isservi ta' validazzjoni ewlenija tal-funzjonalità tas-sistema u ser tipprovdi tagħlimiet essenzjali meħuda biex jiggwidaw l-introduzzjoni fil-Moldova.

## 2. L-GĦAN, L-OBJETTIVI U R-RIŻULTATI TAL-PROĠETT

### 2.1 **Objettiv Ġenerali**

L-għan tal-proġett huwa li jiffaċilita l-ġestjoni sikura, sigura u sostenibbli tal-munizzjon konvenzjonali tul il-ħajja taħt sjieda u kontroll nazzjonali fil-Bożnija-Ħerzegovina u l-Moldova, permezz tal-adozzjoni u l-użu sostnut tal-pakkett ta' software AIMS/SIMS. B'hekk dan il-proġett ser jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Qafas Globali u strumenti rilevanti oħra tal-UE u internazzjonali għall-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni. Il-proġett la jappoġġa u lanqas ma jsaħħaħ il-kapaċità ta' kumbattiment jew dik operazzjonali tal-forzi armati; il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huwa strettament limitat għall-prevenzjoni tad-devjazzjoni, il-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni.

### 2.2 **Objettivi Speċifiċi**

Biex jintlaħaq dan l-għan, il-proġett ser jaħdem favur l-objettivi li ġejjin:

Objettiv 1: L-iżvilupp, l-irfinar u l-introduzzjoni tas-software AIMS/SIMS fil-Bożnija-Ħerzegovina u fil-Moldova bħala għodda skalabbli u allinjata mal-IATG biex l-awtoritajiet nazzjonali jimmaniġġaw il-munizzjon b'mod sikur, sigur u responsabbli, u b'hekk jittaffa r-riskju ta' devjazzjoni u ta' splużjonijiet aċċidentali.

Objettiv 2: It-tisħiħ tal-kapaċitajiet organizzazzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Bożnija-Ħerzegovina u tal-Moldova għal ġestjoni tal-munizzjon konvenzjonali tul il-ħajja permezz tal-adozzjoni, l-integrazzjoni u l-użu sostnut tal-pakkett ta' software AIMS/SIMS, filwaqt li jiġu appoġġati s-sjieda nazzjonali, l-implimentazzjoni sostenibbli u l-prevenzjoni tad-devjazzjoni.

Objettiv 3: Permezz tal-implimentazzjoni tiegħu mill-Bożnija-Ħerzegovina u mill-Moldova, jippromwovi s-software AIMS/SIMS u l-allinjament tiegħu mal-Qafas Globali u mal-inizjattivi rilevanti tal-UE u dawk internazzjonali għall-kontroll tal-armi (notevolment it-TKA u l-PtA tan-NU), filwaqt li jkopri għanijiet bħal: il-prevenzjoni tad-devjazzjoni, it-traċċar ta' munizzjon illeċitu, il-monitoraġġ tal-użu aħħari, u s-sikurezza tal-munizzjon.

3. EŻITI U RIŻULTATI MISTENNIJA

3.1 **Riżultat 1:** Pakkett ta' software AIMS/SIMS żviluppat bis-sħiħ li jipprovdi soluzzjoni diġitali għall-ġestjoni sikura, sigura u sostenibbli tal-inventarji u s-sorveljanza tal-munizzjon konvenzjonali, u li b'hekk isaħħaħ il-prevenzjoni tad-devjazzjoni, it-traċċar ta' munizzjon illeċitu, il-monitoraġġ tal-użu aħħari, u s-sikurezza tal-munizzjon.

3.1.1 *Attivitajiet*

— Żvilupp u validazzjoni tas-software AIMS/SIMS bħala sett ta' għodod modulari u konformi mal-IATG għall-ġestjoni tal-inventarji u s-sorveljanza tal-munizzjon konvenzjonali, allinjat mal-IATG.

— Produzzjoni ta' pakkett ta' implimentazzjoni komplut, inkluż materjali ta' taħriġ, gwidi għall-utenti, u protokolli ta' integrazzjoni biex jiġu appoġġati l-introduzzjoni nazzjonali u s-sostenibbiltà fit-tul.

— Żvilupp ta' Dokumentazzjoni u Protokolli Operazzjonali tal-AIMS/SIMS billi jiġu ddokumentati l-arkitettura tas-software, il-manwali għall-utenti, u l-protokolli għad-dħul tad-data.

**Stadju importanti ewlieni:** L-iżvilupp tas-software AIMS/SIMS.

3.2 **Riżultat 2:** Kapaċità organizzazzjonali msaħħa tal-Bożnija-Ħerzegovina u tal-Moldova biex jimplimentaw ġestjoni tal-inventarji tul il-ħajja u sorveljanza tal-munizzjon, f'konformità mal-IATG.

3.2.1 *Fażi A tal-Implimentazzjoni tal-Attivitajiet: Involviment u Bidu tal-Proġett*

— Wasla ta' talba formali jew konklużjoni ta' ftehim mal-Bożnija-Ħerzegovina u mal-Moldova biex jissaħħu l-isforzi nazzjonali għall-kontroll tal-armi, in-nonproliferazzjoni u l-prevenzjoni tad-devjazzjoni permezz tal-adozzjoni tal-AIMS/SIMS.

— Stabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma ta' Esperti (EWG) nazzjonali biex jiggwida u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-proġett fil-Bożnija-Ħerzegovina u fil-Moldova.

— Faċilitazzjoni ta' sessjoni ta' ħidma dwar l-ippjanar tekniku mal-EWG u ma' partijiet ikkonċernati oħra biex jiġu definiti l-kompiti ta' implimentazzjoni u jiġi żviluppat pjan ta' ħidma dettaljat għall-implimentazzjoni tal-proġett.

— Tqajjim ta' kuxjenza u għoti ta' taħriġ lill-EWG u lill-awtoritajiet nazzjonali b'mandat dwar il-ġestjoni tal-inventarji tal-munizzjon u l-użu tal-AIMS/SIMS għall-prevenzjoni tad-devjazzjoni, it-traċċar ta' munizzjon illeċitu, il-monitoraġġ tal-użu aħħari, u s-sikurezza tal-munizzjon.

**Stadju importanti ewlieni:** L-iffirmar tal-ftehim ta' sħubija mal-Bożnija-Ħerzegovina u mal-Moldova.

3.2.2 *Fażi B tal-Implimentazzjoni tal-Attivitajiet: Żvilupp tal-Qafas Regolatorju u Tekniku*

— Definizzjoni tal-pedamenti regolatorji, proċedurali u tekniċi nazzjonali meħtieġa biex jiġi adottat u sostnut l-AIMS/SIMS.

— Għoti ta' appoġġ lill-EWG biex jiżviluppa u japprova Direttorju Tekniku tal-Munizzjon u Bażi tad-Data Nazzjonali kkonsolidata tal-Munizzjon biex jiġu appoġġati proċessi standardizzati ta' inventarju u sorveljanza.

— Għoti ta' appoġġ lill-EWG biex jimmappja u jiddokumenta l-flussi tax-xogħol u l-proċeduri eżistenti kollha relatati mal-inventarju, iż-żamma ta' rekords u s-sorveljanza.

— Ħidma mal-EWG biex jiġi identifikat, iddokumentat u approvat l-approċċ ta' integrazzjoni bejn l-AIMS/SIMS u kwalunkwe sistema eżistenti (eż. software tal-loġistika ġenerali).

— Identifikazzjoni tar-rekwiżiti meħtieġa tal-hardware u s-software għall-introduzzjoni nazzjonali. Għoti ta' appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali fil-Bożnija-Ħerzegovina u fil-Moldova biex ifittxu finanzjament addizzjonali, jekk meħtieġ, għall-akkwist ta' hardware u software.

— Għoti ta' konsulenza teknika u assistenza operazzjonali fil-kompilazzjoni ta' inventarju sħiħ tal-munizzjon konvenzjonali.

**Stadju importanti ewlieni:** L-approvazzjoni tad-Direttorju Tekniku tal-Munizzjon, tal-Bażi tad-Data, u tal-mapep tal-proċessi mill-awtoritajiet nazzjonali b'mandat fil-Bożnija-Ħerzegovina u fil-Moldova.

3.2.3 *Fażi C tal-Implimentazzjoni tal-Attivitajiet: Integrazzjoni tas-Sistema u Taħriġ*

— Installazzjoni tal-AIMS u tas-SIMS fuq il-pjattaforma nazzjonali tal-ħżin tad-data tal-Bożnija-Ħerzegovina u tal-Moldova, filwaqt li tiġi żgurata konfigurazzjoni sigura.

— Għoti ta' taħriġ strutturat u mentoraġġ lill-utenti meħtieġa.

— Assistenza, fuq talba, fit-tindif u l-integrazzjoni tad-data fis-sistemi AIMS u SIMS.

**Stadju importanti ewlieni:** L-installazzjoni tas-software u l-integrazzjoni tad-data fl-AIMS u s-SIMS.

3.2.4 *Fażi D tal-Implimentazzjoni tal-Attivitajiet: Tisħiħ tal-Kapaċitajiet u Sostenibbiltà tas-Sistemi*

— Għoti ta' taħriġ ta' aġġornament, mentoraġġ, u appoġġ fil-handover/fit-takeover għall-persunal li jkun għadu kif inħatar.

**Stadju importanti ewlieni:** Is-sistema tkun inkorporata b'mod sostenibbli fl-istrutturi nazzjonali.

3.3 **Riżultat 3:** Permezz tal-implimentazzjoni tiegħu mill-Bożnija-Ħerzegovina u mill-Moldova, jiġi promoss is-software AIMS/SIMS u l-allinjament tiegħu mal-Qafas Globali u mal-inizjattivi rilevanti tal-UE u dawk internazzjonali għall-kontroll tal-armi (b'mod partikolari t-TKA u l-PtA tan-NU).

3.3.1 *Attivitajiet*

— Organizzazzjoni u twettiq ta' mill-inqas żewġ avvenimenti paralleli f'konferenzi internazzjonali u reġjonali dwar il-kontroll tal-armi biex jiġu promossi l-AIMS/SIMS u l-allinjament tiegħu mal-Qafas Globali u mal-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW.

— Żvilupp u tixrid ta' materjali ta' outreach li juru kif l-AIMS/SIMS jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali kif ukoll għall-għanijiet tal-UE u dawk aktar ġenerali tan-NU dwar il-kontroll tal-armi (eż. il-prevenzjoni tad-devjazzjoni, il-monitoraġġ tal-użu aħħari, u t-trasparenza).

— Organizzazzjoni ta' webinars iddedikati għall-esperti tekniċi, l-awtoritajiet nazzjonali, u s-sħab reġjonali dwar ir-rwol tal-ġestjoni u s-sorveljanza tal-inventarji, u tal-ġestjoni sikura, sigura u sostenibbli tal-munizzjon konvenzjonali tul il-ħajja.

— Għoti ta' appoġġ konsultattiv lill-Bożnija-Ħerzegovina u lill-Moldova biex jintwera kif l-AIMS/SIMS jista' jiġġenera data għar-rappurtar skont il-Qafas Globali, it-TKA, il-PtA tan-NU, u strumenti oħra.

— Inkoraġġiment ta' tagħlim bejn il-pari billi t-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-AIMS/SIMS mill-Bożnija--Ħerzegovina u mill-Moldova jinqasmu ma' Stati interessati oħra.

**Stadju importanti ewlieni:** L-AIMS/SIMS jiġi promoss fil-Laqgħat Reġjonali tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA) (2026-2027) dwar il-Qafas Globali u fil-Laqgħa tal-Istati 2027 dwar il-Qafas Globali, il-laqgħat tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar is-SALW, u laqgħat internazzjonali, reġjonali u sottoreġjonali rilevanti oħra.

4. AĠENZIJA TAL-IMPLIMENTAZZJONI TEKNIKA

Ibbażat f'Ġinevra, l-Iżvizzera, iċ-Ċentru Internazzjonali ta' Ġinevra għat-Tneħħija ta' Mini għal Skopijiet Umanitarji (GICHD) jopera fil-livell dinji fi sħubija mal-awtoritajiet u l-operaturi nazzjonali tal-azzjoni kontra l-mini u tal-ġestjoni tal-munizzjon, man-NU, u ma' atturi oħra. Fl-2024, iċ-Ċentru ħadem f'aktar minn 40 pajjiż u territorju. Il-GICHD jaħdem biex inaqqas ir-riskji għall-komunitajiet li jirriżultaw minn kull tip ta' ordinanza splussiva: mini tal-art, munizzjonijiet dispersivi, fdalijiet splussivi tal-gwerra, u munizzjon konvenzjonali ġestit b'mod mhux sikur u mhux sigur.

Stabbilit f'Jannar 2019 bħala inizjattiva konġunta tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm u l-GICHD, it-Tim Konsultattiv għall-Ġestjoni tal-Munizzjon (AMAT) jappoġġa l-operazzjonalizzazzjoni tal-programm SaferGuard tan-NU u jagħti assistenza teknika lill-Istati u lis-sħab fil-ġestjoni sikura, sigura u sostenibbli tal-munizzjon tul il-ħajja, f'konformità mal-IATG. Minn meta nħoloq, l-AMAT stabbilixxa rekord pożittiv għall-għoti ta' assistenza teknika lill-Istati vvalutati bħala li jinsabu f'riskju, kif ukoll lil sħab oħra fil-ġestjoni sikura u sigura tal-munizzjon f'konformità mal-IATG.

Il-GICHD għandu missjoni unika li jappoġġa u jipprofessjonalizza t-tnaqqis tar-riskju mill-ordinanza splussiva, filwaqt li jippromwovi soluzzjonijiet innovattivi, imfassla apposta u sostenibbli. Permezz tal-linji ta' servizzi, l-għarfien espert tematiku, u l-approċċi ġeografiċi tiegħu, iċ-Ċentru jiffoka primarjament fuq il-ħidma upstream, fejn jgħin lill-awtoritajiet nazzjonali jassumu r-responsabbiltà għall-programmi tagħhom u jikkonċentra fuq l-iżvilupp ta' strateġiji, standards u oqfsa ta' ġestjoni xierqa. Għall-kuntrarju ta' organizzazzjonijiet li jiffukaw primarjament jew fuq l-implimentazzjoni fuq il-post jew inkella fuq promozzjoni f'livell għoli, il-GICHD jgħaqqad il-prattika mal-politika fl-ispettru kollu tal-azzjoni kontra l-mini u tal-ġestjoni tal-munizzjon, mill-iżvilupp ta' normi u standards internazzjonali sal-għoti ta' appoġġ imfassal apposta u fuq il-post għall-awtoritajiet nazzjonali. Il-ħidma tiegħu fil-kuntestwalizzazzjoni ta' strateġiji u standards, b'mod partikolari permezz ta' kollaborazzjoni mill-qrib mal-istati affettwati, tiżgura li l-oqfsa globali jibqgħu rilevanti, prattiċi u bi sjieda nazzjonali.

Flimkien mas-setgħa unika tiegħu li jlaqqa' flimkien lill-gvernijiet, l-aġenziji tan-NU, l-NGOs, l-akkademja, u s-settur privat; il-GICHD għandu rwol kritiku fl-allinjament tar-realtajiet operazzjonali mal-oqfsa ta' politika li qed jevolvu, filwaqt li jiżgura l-koerenza, l-adattabbiltà, u impatt dejjiemi għall-komunitajiet affettwati minn ordinanza splussiva.

5. ALLINJAMENT MAL-POLITIKA TAL-UE

Dan il-proġett jappoġġa direttament lil diversi oqfsa ta' politika tal-UE:

5.1 **Strateġija tal-UE kontra l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW)**

L-AIMS/SIMS jindirizza direttament it-tħassib fil-qalba tal-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW li "sigurtà batuta tal-ħażna hija fattur ewlieni li jippermetti d-devjazzjoni ta' armi u munizzjon minn swieq leċiti għal swieq illeċiti." Billi jipprovdi kapaċitajiet diġitali robusti ta' ġestjoni tal-inventarji, l-AIMS/SIMS isaħħaħ is-sigurtà tal-ħażniet u jappoġġa l-impenn tal-UE li tippromwovi l-implimentazzjoni ta' standards u linji gwida internazzjonali bħall-IATG. Il-karatteristiċi tas-sistema ta' traċċar f'ħin reali u ta' akkontabbiltà jgħinu fil-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tad-devjazzjoni billi jżommu rekords komprensivi tal-movimenti tal-munizzjon u tal-kundizzjonijiet tal-ħżin.

### 5.2 **Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK dwar l-Esportazzjoni tal-Armi**

Il-Pożizzjoni Komuni aġġornata tal-UE tal-2025 hija allinjata direttament mal-kapaċitajiet tal-AIMS/SIMS f'diversi oqsma ta' prijorità. L-AIMS/SIMS jappoġġa l-impenn tal-Kunsill li jtejjeb it-traċċar u jippromwovi t-trasparenza fil-katina tal-provvista li tgħin biex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' devjazzjoni matul it-trasferimenti. Is-sistema tiffaċilita l-verifika u l-monitoraġġ tal-utent aħħari bħala għodda għall-prevenzjoni tad-devjazzjoni, billi tagħti l-informazzjoni essenzjali meħtieġa biex dawn ikunu jistgħu jsiru. L-AIMS/SIMS jappoġġa direttament it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi fl-oqsma kollha tal-ġestjoni tal-ħażniet ta' munizzjon.

### 5.3 **Qafas Globali għall-Ġestjoni tal-Munizzjon Konvenzjonali Tul il-Ħajja**

Il-ġestjoni tal-inventarju hija rekwiżit fundamentali għall-implimentazzjoni tal-Objettivi tal-Qafas Globali. L-AIMS/SIMS jappoġġa direttament lill-Objettiv 4 billi jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali fil-ġestjoni tal-munizzjon konvenzjonali tul il-ħajja permezz ta' funzjonijiet integrati ta' ppjanar, rappurtar u rimi. L-AIMS/SIMS u s-software ta' akkumpanjament tiegħu SIMS javvanzaw l-Objettivi 5-7 billi jipprovdu sorveljanza sistematika, proċessi ta' tnaqqis tar-riskju, u sistemi komprensivi ta' ġestjoni tal-inventarji. Il-pjattaforma ssaħħaħ ukoll l-Objettivi 8-9 u 11 billi tippromwovi t-trasparenza fil-katina tal-provvista, filwaqt li tappoġġa l-monitoraġġ tal-utent aħħari, u ttejjeb il-kapaċitajiet ta' mmarkar u traċċar.

### 5.4 **Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA)**

Is-software AIMS/SIMS jappoġġa l-implimentazzjoni tat-TKA billi jippermetti rappurtar aktar preċiż dwar l-istokkijiet u l-movimenti tal-munizzjon, jiffaċilita l-monitoraġġ tal-utent aħħari permezz ta' kapaċitajiet komprensivi ta' traċċar, u jipprovdi l-infrastruttura tad-dokumentazzjoni li tgħin lill-Istati importaturi juru l-impenn tagħhom għall-prevenzjoni tad-devjazzjoni u l-iżgurar tal-akkontabbiltà fil-ġestjoni tal-munizzjon.

### 5.5 **Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (PtA tan-NU) dwar is-SALW**

L-AIMS/SIMS javvanza l-impenji ewlenin tal-PtA tan-NU dwar il-ġestjoni u s-sigurtà tal-ħażniet billi jipprovdi l-pedament teknoloġiku għal ġestjoni effettiva tal-inventarji. L-approċċ integrat tas-sistema għall-ġestjoni tal-inventarji u l-kapaċitajiet ta' traċċar jappoġġa direttament l-enfasi tal-PtA tan-NU fuq il-prevenzjoni tat-traffikar illeċitu permezz ta' sigurtà mtejba tal-ħażniet. L-AIMS jippermetti lill-Istati jżommu rekords dettaljati u miżuri ta' akkontabbiltà li huma fundamentali għall-ġestjoni responsabbli tal-ħażniet skont il-qafas tal-PtA tan-NU.

### 5.6 **Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) Ewropa Globali - Regolament (UE) 2021/947**

L-AIMS/SIMS jappoġġa direttament l-objettiv kif stipulat fl-Anness II, il-punt 6(g) tar-Regolament NDICI ([2]) billi jservi ta' pedament tal-governanza responsabbli fil-ġestjoni tal-armi u l-munizzjon. Is-sistema tippromwovi governanza tajba u miżuri ta' akkontabbiltà li jkunu konsistenti mal-forzi tad-difiża u tas-sigurtà kkontrollati b'mod demokratiku. Billi jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-AIMS/SIMS fil-pajjiżi tal-viċinat, l-investimenti tal-NDICI javvanzaw ir-riforma tas-settur tas-sigurtà li tipprovdi strumenti ta' sigurtà aktar effettivi, demokratiċi u responsabbli għall-iżvilupp sostenibbli u l-paċi.

## 6. VIŻIBBILTÀ TAL-UE

Il-GICHD ser jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jippubbliċizza l-fatt li l-proġett ġie ffinanzjat mill-UE. Dawn il-miżuri ser jitwettqu f'konformità mal-Linji Gwida tal-UE dwar il-Viżibbiltà. ([3])

B'dan il-mod, il-GICHD ser jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribut tal-UE permezz ta' markar u pubbliċità xierqa, li jenfasizzaw ir-rwol tal-UE, jiżguraw it-trasparenza tal-azzjonijiet tagħha u jqajmu kuxjenza dwar ir-raġunijiet għad-Deċiżjoni, kif ukoll l-appoġġ tal-UE għad-Deċiżjoni u r-riżultati ta' dan l-appoġġ. Il-materjal prodott mill-proġett ser juri l-bandiera tal-UE b'mod prominenti f'konformità mal-linji gwida tal-Unjoni għall-użu u r-riproduzzjoni preċiżi tal-bandiera.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

([3]) "Communicating and raising EU visibility: Guidance for external actions" (Lulju 2022 - aġġornata f'Lulju 2024).

Minħabba li l-attivitajiet ippjanati jvarjaw ħafna fl-ambitu u n-natura tagħhom, ser tintuża medda ta' għodod promozzjonali, inkluż il-media; siti web; il-media soċjali; u materjali informattivi u promozzjonali, inkluż infografiki, fuljetti, bullettini, stqarrijiet għall-istampa u materjal ieħor, kif xieraq. Il-GICHD ser jirrikonoxxi b'mod espliċitu l-appoġġ tal-UE fil-pubblikazzjonijiet rilevanti kollha tal-GICHD, inkluż ir-Rapport Annwali, jew kwalunkwe pubblikazzjoni oħra relatata mal-għotja, filwaqt li jenfasizza l-ħidma appoġġata mill-proposta. Il-GICHD ser joffri opportunitajiet lir-rappreżentanti tal-UE biex jitkellmu f'avvenimenti, sessjonijiet ta' ħidma jew fora rilevanti ospitati jew koospitati mill-GICHD, filwaqt li jenfasizza l-impenn u s-sħubija tagħhom. Il-pubblikazzjonijiet, l-avvenimenti pubbliċi, il-kampanji, u t-tagħmir akkwistat fl-ambitu tal-proġett ser jiġu mmarkati kif xieraq.